MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 804/2004

**The Food House Limited**

**vs**

**Hal Ferh Company Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' April 2004 fejn gie mitlub li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u erbgha liri Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm504.97) bilanc ta' prezz ta' merkanzija u kwantu ghar-remonenti ta' mija u wiehed u erbghin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm141.35) rapprezentanti imghax li ddekorra fuq il-kont li is-socjeta konvenuta ghandha mas-socjeta attrici u kalkolat sal-24 ta' Marzu 2004.

Bl-ispejjez tal-prezenti, bl-imghax legali ulterjuri kontro s-socjeta konvenuta ngunta in subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet regolarment notifikat, naqset milli tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal wara li ha konjizjoni tan-nota ta' riduzzjoni perezentata mis-socjeta attrici li biha rriduciet it-talba ghal-mija u disgha u erbghin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (LM149.86) jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u disgha u erbghin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm149.86) bl-imghax ulterjuri.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------